



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

**2010/0133(COD)**

4.3.2011

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti (COM(2010)0249 – C7-0129/2010 – 2010/0133(COD))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Mariya Nedelcheva

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI .....	15



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti  
(COM(2010)0249 – C7-0129/2010 – 2010/0133(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0249),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0129/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0000/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

**Proposta għal regolament  
Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) *Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa* li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea *għall-għanijiet ta' modifika* tal-Annessi.

*Emenda*

(12) *Bil-għan li jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, il-Kummissjoni għandha tkun iddelegata bis-setgħa* li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea *għal dak li jikkonċerna l-modifika* tal-Annessi *II u III*.

*B'mod partikolari jeħtieġ li l-Kummissjoni tmexxi konsultazzjonijiet xierqa inkluż ma' esperti, fl-istadji kollha*

*tal-preparazzjoni u tat-tfassil tal-atti delegati.*

*Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, xierqa u fil-ħin tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*

Or. fr

### *Ġustifikazzjoni*

*L-objettivi, il-kontenut, il-firxa ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tad-delega ta' setgħa, skont l-Artikolu 290 TFEU, għandhom jiġu definiti espressament u b'mod metikoluż f'kull att bażiku. Il-formulazzjonijiet relatati mal-atti delegati proposti mir-rapporteur huma bbażati fuq il-Ftehim komuni approvat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati Parlamentari waqt il-laqgħa tagħha tal-15 ta' Frar 2011.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**I.** Ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti *mniżżla fl-Anness I.*

#### *Emenda*

Ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti *elenkati hawn taħt:*

- a) siġar tat-tuffieħ tad-deżerta;*
- b) siġar tat-tuffieħ għall-ipproċessar industrijali (fakultattiv);*
- c) siġar tal-lanġas tad-deżerta;*
- d) siġar tal-lanġas għall-ipproċessar industrijali (fakultattiv);*
- e) siġar tal-berquq;*
- f) siġar tal-ħawħ;*
- g) siġar tal-larinġ;*
- h) siġar tal-frott taċ-ċitru żgħir;*
- i) siġar tal-lumi;*

j) siġar taż-żebbuġ;

k) dwieli maħsuba għall-produzzjoni tal-  
għeneb tal-mejda;

l) dwieli għal skopijiet oħra għajr dawk  
għall-produzzjoni tal-għeneb tal-mejda.

Or. fr

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-lista ta' għelejjel permanenti li għalihom japplika dan l-artikolu tirrappreżenta element essenzjali (ambitu ta' applikazzjoni) li għandu jiġi definit fl-artikolu tal-att leġislativ u ma għandhiex tkun suġġetta għal modifika minn atti delegati.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 2 - punt 6**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. "perjodu ta' tħawwil **normali**" tfisser il-perjodu tas-sena meta l-għelejjel permanenti jiġu **normalment imħawla** li jibda f'nofs il-ħarifa u jintemm sa nofs ir-rebbiegħa tas-sena ta' wara:

##### *Emenda*

6. "perjodu ta' tħawwil **tas-soltu**" tfisser il-perjodu tas-sena meta l-għelejjel permanenti jiġu **s-soltu mħawla** li jibda f'nofs il-ħarifa u jintemm sa nofs ir-rebbiegħa tas-sena ta' wara;

Or. fr

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 3 - paragrafu 1 - subparagrafu 2**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Azjendi jistgħu jiġu esklużi jekk ikunu iżgħar minn **0.1 ettaru**, jipproduċu esklussivament jew prinċipalment għas-suq ta' kull għalla permanenti msemmija f'kull Stat Membru, jekk iż-żona kumulata tagħhom tirrappreżenta inqas minn 5 % tat-total ta' żona mħawla tal-għalla

##### *Emenda*

Azjendi jistgħu jiġu esklużi jekk ikunu iżgħar minn **0.2 ettari**, jipproduċu esklussivament jew prinċipalment għas-suq ta' kull għalla permanenti msemmija f'kull Stat Membru, jekk iż-żona kumulata tagħhom tirrappreżenta inqas minn 5 % tat-total ta' żona mħawla tal-għalla

individwali.

individwali.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din l-emenda huwa li jitnaqqas il-piż amministrattiv mgħobbi fuq l-azjendi ż-żgħar.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 - paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni **għandha** tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 10 **bl-għan li temenda l-lista fl-Anness I u l-istatistika stabbilita fl-Annessi II u III.**

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni **għandu jkollha s-setgħa** tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 10 **f'dak li jikkonċerna l-emenda tal-Annessi I u III, esklussivament sal-punt li fih din l-emenda ma tinvolvix piż amministrattiv supplementari sinifikanti għall-Istati Membri u għall-azjendi li jipproduċu l-għelejjel imsemmijin fl-Artikolu 1.**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-oġġettivi, il-kontenut, il-firxa ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tad-delega ta' setgħa, skont l-Artikolu 290 TFEU, għandhom jiġu definiti espressament u b'mod metikoluż f'kull att bażiku. Il-formulazzjonijiet relatati mal-atti delegati proposti mir-rapporteur huma bbażati fuq il-Ftehim komuni approvat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati Parlamentari waqt il-laqgħa tagħha tal-15 ta' Frar 2011.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 - paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-istatistika pprovduta għandha tirreferi għaż-żona mħawla wara l-perjodu ta' tħawwil **normali.**

*Emenda*

3. L-istatistika pprovduta għandha tirreferi għaż-żona mħawla wara l-perjodu ta' tħawwil **tas-soltu.**

Or. fr



## Emenda 7

### Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri li jwettqu l-istħarriġ kampjunarju biex jiksbu din l-istatistika għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta tissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni li ġejjin: il-koeffiċjent ta' varjazzjoni tad-dejta ma għandux jaqbeż, fil-livell nazzjonali, 3 % għaż-żona li qed tiġi kkultivata għal kull waħda mill-għelejjel imsemmija **fil-punti 1 sa 11 u 1 % għall-għelejjel imsemmija fil-punti 12 tal-Anness I.**

*Emenda*

1. L-Istati Membri li jwettqu l-istħarriġ kampjunarju biex jiksbu din l-istatistika għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta tissodisfa r-rekwiżiti ta' preċiżjoni li ġejjin: il-koeffiċjent ta' varjazzjoni tad-dejta ma għandux jaqbeż, fil-livell nazzjonali, 3 % għaż-żona li qed tiġi kkultivata għal kull waħda mill-għelejjel imsemmija **fl-Artikolu 1.**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-amministazzjonijiet nazzjonali.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Artikolu 8 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 10 bl-għan li tadatta t-tabelli ta' trażmissjoni stabbiliti fl-Annessi II u III.**

*Emenda*

**imħassar**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda proposta tal-Artikolu 4(4) tagħmel din il-paragrafu inutili.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sal-31 ta' Lulju 2013 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-rapporti dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa u l-metodi użati.

*Emenda*

2. Sal-31 ta' Lulju 2013 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-rapporti dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa u l-metodi użati **għall-istatistika dwar l-għelejjel imsemmija fl-Artikolu 1(a) sa (k).**

Or. fr

*(Ara l-emenda tal-Artikolu 9 - paragrafu 2 a (ġdid).)*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 9 - paragrafu 2 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**2 a. Sal-31 ta' Lulju 2013 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-rapporti dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa u l-metodi użati għall-istatistika dwar l-għelejjel imsemmija fl-Artikolu 1(l).**

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskadenzi għall-preżentazzjoni tar-rapporti għandhom jaqblu mal-iskadenzi għall-produzzjoni tad-dejta hekk kif jipprevedi l-Artikolu 4. Billi dawn l-iskadenzi huma differenti għad-diversi għelejjel (2012 għall-għelejjel imsemmija fil-punti 1-11 tal-Anness I, 2015 għall-għelejjel imsemmija fil-punt 12 tal-Anness I) jeħtieġ li ssir distinzjoni għall-iskadenzi tar-rapporti wkoll.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħat, għal perjodu ta' żmien mhux determinat, li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(4) u 8(2).*

2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. *Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħat li tadotta l-atti delegati, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 11 u 12.*

#### *Emenda*

1. *Is-setgħat biex tadotta atti delegati għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.*

*1 a. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4) hija konċessa lill-Kummissjoni għal ħames snin li jiddekorru mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport għal dak li jirrigwarda d-delega ta' setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħat tiġġedded taċitament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, għajr jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarrfu l-oppożizzjoni tagħhom għal din il-proroga sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

*1 b. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Ir-revoka tibda tiddekorri mill-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.*

2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. *imħassar*

**3a. Kull att delegat adottat konformement mal-Artikolu 4(4) jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux għarrfu l-oppożizzjoni tagħhom fi żmien xahrejn li jiddekorru min-notifika tal-imsemmi att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom jopponu. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jista' jiġi prorogat b'xahrejn.**

Or. fr

(Ara l-emendi tal-Artikoli 11 u 12.)

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-objettivi, il-kontenut, il-firxa ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tad-delega ta' setgħa, skont l-Artikolu 290 TFEU, għandhom jiġu definiti espressament u b'mod metikoluż f'kull att bażiku. Il-formulazzjonijiet relatati mal-atti delegati proposti mir-rapporteur huma bbażati fuq il-Ftehim komuni approvat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati Parlamentari waqt il-laqgħa tagħha tal-15 ta' Frar 2011.*

#### **Emenda 12**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 11*

*imħassar*

#### *Revoka tad-delega*

- 1. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 4(4) u 8(2) tista' tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.**
- 2. Jekk istituzzjoni tibda proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħa, din għandha tinforma lil-leġiżlatur l-ieħor u lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tiddikjara l-poteri delegati li jistgħu jkun soġġetti għal revoka u r-raġunijiet għar-revoka.**

**3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.**

Or. fr

(Ara l-emenda tal-Artikolu 10.)

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 12**

**imħassar**

#### **Oġġezzjoni għall-atti delegati**

- 1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.**
- 2. Jekk, malli jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunjoġġezzjonaw għall-att delegat, jew jekk, qabel id-data ta' skadenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunjo informaw, it-tnejn li huma, lill-Kummissjoni li ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att delegat għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fid-dispożizzjonijiet tiegħu.**
- 3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw l-att delegat adottat, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.**

*(Ara l-emenda tal-Artikolu 10.)*

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Anness I**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dan l-Anness għandu jitħassar.***

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-lista ta' għelejjel permanenti li għalihom japplika dan l-artikolu tirrappreżenta element essenzjali (ambitu ta' applikazzjoni) li għandu jiġi definit fl-artikolu tal-att leġislattiv u ma għandhiex tkun suġġetta għal modifika minn atti delegati.*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Anness III - tabella 1.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Din it-tabella titħassar.***

Or. fr

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din it-tabella timponi rekwiżit supplementari u li ma jeżistux fil-qafas ġuridiku attwali, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-analiżi tad-dejta skont ir-reġjuni fil-livell ta' NUTS 3 Il-produzzjoni tad-dejta daqshekk dettaljata f'livell reġjonali tkun tinvolvi piż amministrattiv tqil għal min iwieġeb filwaqt li l-użu tagħha tibqa' inċerta.*

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-rapporteur tilqa' favorevolment il-proposta tal-Kummissjoni li għandha l-għan li taġġorna l-qafas ġuridiku għall-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti billi tadattahom għall-bżonnijiet attwali tal-utenti u tas-suq. Ir-rapporteur tenfasizza l-oġġettiv ta' semplifikazzjoni u tapprezza l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tnaqqas il-piż amministrattiv ta' min iwieġeb. Dawn jimmiraw l-użu tad-dejta statistika dwar l-għelejjel permanenti bħala bażi affidabbli għad-deċiżjonijiet għaqdin dwar il-produzzjoni u s-suq Ewropew.

Ir-rapporteur tqis madankollu li ċerti emendi huma meħtieġa biex jinstab bilanċ aħjar bejn il-bżonnijiet tal-utenti u l-piż amministrattiv marbut mal-produzzjoni tad-dejta.

Partikolarment, ir-rapporteur tqis li l-piż amministrattiv jista' jonqos billi jinbidlu r-rekwiżit dwar il-preċiżjoni tad-dejta, billi jiġu esklużi l-azjendi ż-żgħira (inqas minn 0.2 ettari) mill-ambitu tal-applikazzjoni, u billi titħassar l-analiżi skont ir-reġjuni NUTS 3 ta' ċerta dejta dwar id-dwieli għal skopijiet oħra għajr dawk għall-produzzjoni tal-għeneb tal-mejda.

Għal dak li għandu x'jaqsam mad-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni biex timmodifika ċerti aspetti ta' dan ir-Regolament permezz tal-atti delegati r-rapporteur tinsisti fuq applikazzjoni rigoruża tal-prinċipji stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar is-setgħa ta' delegazzjoni leġiżlattiva (2010/2021(INI)). Ir-rapporteur tfakkar li skont din ir-riżoluzzjoni "l-oġġettivi, il-kontenut, il-firxa ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien ta' din id-delegazzjoni skont l-Artikolu 290 TFEU għandhom jiġu definiti espressament u b'mod metikoluż f'kull att bażiku". F'dan l-ispirtu r-rapporteur ipproponiet sensiela ta' emendi relatati mal-atti delegati. Il-formuli użati jagħmlu riferiment għall-Ftehim komuni li dwaru ntlaħaq qbil mis-Servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u approvat mill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Komitati Parlamentari waqt il-laqgħa ta' 15 ta' Frar 2011.